# Mużika u Baned



kitba ta' Lorenzo ZAHRA

Hawn ser niġbor tagħrif dwar mużika u baned mis-seklu dsatax meta nistgħu ngħidu beda moviment ta' baned popolari fostna mhajjar mill-Baned Militari li kellna fostna. Dan it-tagħrif li aħna ġbarna minn diversi ġurnali ma jinkludix kollox, iżda għamilna għażla li minnha wieħed jieħu idea kif twieled u nxtered dan il-moviment. Aħna nagħtu t-tagħrif fi kliemna u fil-qosor. Jekk wieħed ikun irid jaf aktar, jista' jsib il-ġurnal ikkwotat u jeżamina r-rapporti. Sfortunatament fl-imgħoddi fiċ-ċirkustanzi, il-ġurnali kienu l-aktar jippubblikaw tagħrif dwar dak li kien isir fil-kapitali u l-inħawi. Dan seta' kien kawżat minn nuqqas ta' kuntatt u pubbliċità min-naħa stess tal-każini u l-ġurnalisti. Peress li l-artiklu hu twil ħafna ser naqsmuh f'diversi partijiet, u f'din l-ewwel parti ser nippubblikaw sas-sena 1883. Nifhmu li l-ġabra għandha sservi biex wieħed jista' jikseb aktar tagħrif, l-aktar illum meta għandna bosta li jqallbu biex jgħarblu l-imgħoddi fil-ġrajjiet tal-baned u mużika.

Anke f'din it-taqsima, ħadd ma għandu jippretendi li ser isib il-ħidma tal-baned kollha li issa kienu żdiedu ġmielhom f'kull ħidma. Huwa fatt ukoll li xi baned ftit li xejn kienu jħabblu rashom jibgħatu tagħrif lill-ġurnali, waqt li oħrajn ma kienux jonqsu li jibgħatu u naturalment isibu appoġġ għal publikazzjoni. Bosta drabi l-baned kienu jibgħatu l-programm li jkunu ser jesegwixxu li jkunu ppublikati. Ħaġa li mis-snin tletin bdew jiġu ppubblikati programmi f'xi ktejjeb mill-istess każini jew istituzzjonijiet festivi.

Dawn illum saru kotba ta' interess, imżewqa bir-ritratti u mimlijja bil-messaġġi uffiċjali, b'tagħrif dwar il-ħidma u programmi mużikali kif ukoll tagħrif storiku marbut mal-baned, il-festi u l-knejjes tagħna. Dawn jiffurmaw il-ġrajja għal quddiem. Nifhmu li ir-referenzi tagħna li ġbarna jkunu ta' għajnuna fit-tiftix għal aktar tagħrif dwar ġrajjiet il-baned tagħna - *Lorenzo Zahra.*

## 1805

Tissemma li fiż-Żurrieq kien hemm orkestra. *(L-Orizzont, 17/7/1975).*

## 1813

Fil-proċessjoni ta' San Lawrenz ma tieħux sehem banda, imma ssir bir-Rużarju minħabba l-kolera. *(AAM-A/C, Vol. 1925-27).*

## 1817

Jissemma li kien hawn għaqdiet drammatiċi u teatru fil-Berġa ta' Provenza l-Belt fejn kienet ħadet sehem ukoll *Società Filarmonica. (Mediterraneo, 14/2/1844).*

## 1820

F'Ġunju wasal Malta Domenico Amore, mużikant Taljan. *(Mediterraneo, 9/5/1856, p.10).*

## 1836

Meta beda l-grupp mużikali ta' Nani, eks-avukat li beda b'servizzi f'xi knejjes fil-Belt, Ħal-Tarxien, eċċ. tfaċċaw partiti billi dehru Pietru Pawl Bugeja u Vincenzo Bugeja.

## 1837

Fiż-Żejtun tissemma' l-Orkestra ta' Diacono.

## 1838

Projbizzjoni mill-Awtorità tal-baned wara l-bibien, bħall-Banda ta' Indri. *(PP. Castagna, Storja ta' Malta).*

Meta r-Reġina Adelaide għaddiet mix-Xatt tal-Birgu kien hemm banda takkumpanja statwa tal-Kunċizzjoni li kien ħadem Xandru Farrugia għall-Knisja S. Lawrenz. (*Gov. Gazette*, p.513).

## 1840

Fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt daqqet banda Militari mmexxija mis-Surmast Anġlu Caruana. (*Il Filologo*, 7/10/1840, p.134).

Jissemmew il-baned militari b'mużika sabiħa. (*Il Filologo*, 7/10/1840).

Fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu l-Belt tieħu sehem banda Ingliża. (*The Snatch*, *July*, p.40).

## 1842

Fl-10.00 fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt daqqet il-Banda diretta minn Agnollo Caruana. (*Il Filologo*, p.134).

## 1843

F'Tas-Sliema kien hemm festa tal-Vitorja u ħadet sehem il-Banda Militari *Queen's Own*.

Is-Surmast Anġlu Galea tal-*Highlanders Regt. Band* kiteb mużika għal S. Lawrenz tal-Birgu. (*Osservatore Maltese*, 5/12/1843).

## 1844

L-ewwel laqgħa tal-*Malta Philarmonic Society*. (*Malta Times*, 29/1/1844).

Dr. Rolandi jikteb li l-Baned bdew ċirka fl-1844. Kien hawn il-*Philarmonic Association* diretta minn Flamingo u Diacono.

Għat-tielet darba fil-Karnival tieħu sehem il-Filarmonika ta' Flamingo. Ħadu sehem Cumbo, Ferrari, Giglio Pellicano u oħrajn. (*Mediterraneo*, 12/2/1844, u *Il Filologo*).

Is-Surmast Filippo Galea, Żebbuġi iben Anġlu, kien surmast tal-Banda *88th Regt.* (*Mediterraneo - Patria*, 12/3/1923).

Tixxandar nekroloġija dwar is-Surmast Angelo Nani, mużikant li kien għadu kemm miet. (*Osservatore Maltese*, 30/4/1844).

Taħt Mro. Angelo Galea kien hemm kunċert mużikali fil-Berġa ta' Provenza bil-Banda tal-88th Regt. Ħa sehem ukoll G. Arnaud. (*Osservatore Maltese*, 3/5/1844 p.385; u *Malta Times*, 30/7/44 u 6/8/44).

Il-mużikanti magħrufa ta' La Filarmonika kellhom inkwiet. Kien sar kunċert ukoll f'Tas-Sliema. (*La Farfalla*, 14/9/1844 u 31/10/1844).

Meta tqegħdet l-ewwel ġebla għall-bini ta' baċir f'Bormla kien hemm banda iddoqq. (*Malta Times*, 2/7/1844).

## 1845

Fil-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu kien hemm mużika solenni u l-mużikanti kienu libsin il-parrokka. (*Stenterello, No.7*, 23/8/1845).

## 1847

Ġewwa Tas-Sliema kien hemm *Musical Performance* b'25 mużikant fid-dar tas-sur Giammalva, u ndaqqet mużika tas-Surmastrijiet Amore, Nani, Bugeja u Curmi. (*Malta Times*, 10 /8/1847; u *Serpinello*, 14/8/1847).

Il-ġurnali jirrapportaw il-wasla tal-Gvernatur O'Farrell li kien milqugħ minn banda li daqqet fuq palk.

Fil-festa ta' San Ġorġ f'Ħal-Qormi kien hemm il-mużika ta' Spiteri. (*Il Cattolico Maltese*).

## 1848

Jissemma' Surmast Malti, Manwel Farrugia, bħala mexxej tal-Banda Militari tas-*69th Regt.* (Mediterraneo, p.12).

## 1849

Is-Surmast Domenico Amore u s-Surmast Vassallo bil-mużika fit-Teatru l-Belt. (*Malta Times*, 20/11/1849).

Jissemma' Mro. Alessandro Curmi, diġà minn sitt snin qabel li kien kompożitur u li kellu grupp mużikali. (*MN, lib.157*, u *Malta Times*, 20/2/1849).

Sar karnival ġewwa Ħaż-Żabbar bis-sehem ta' mużikanti. Din kienet it-tieni darba. (*Malta Times*, 27/2/1849).

Ġewwa Ħal-Qormi kien hemm grupp mużikali u kellhom ukoll xi kompożizzjonijiet. (*Malta Times*, 20/2/1849).

## 1851

Żmien il-Gvernatur Reid kien jippermetti ftuħ ta' każini li minħabba li għal bidu kienu biss ħwienet tax-xorb ma kienux permessi. (*Il Cotra*, 2/3/1933).

Funeral bil-marċi funebri sar mill-Palazz ta' l-Inkwiżitur tal-Birgu għaċ-Ċimiterju *Roch Gate* f'Bormla. (*Malta Times*, 24/6/1851).

Funeral ieħor b'marċi funebri fil-Furjana ta' Kaptan Tumas Oknox tal-frejgata *Firebrand*. (*Malta Times*, 6/5/1851).

Twaqqfet il-Banda San Filep f'Ħaż-Żebbuġ mis-Surmast Filippu Galea. (*It-Torca*, 16/5/1976).

## 1852

Is-Surmast Nani jagħti kunċert vokali u strumentali fil-Manoel, il-Belt. (*Avvenire*, 3/4/1852).

Mużika ta' Mro. Bugeja ndaqqet fil-festa tad-Duluri li saret fil-knisja tat-Teresjani f'Bormla, iżda kien hemm ukoll banda tferraħ lill-poplu. (*Ordine*, p.301-2, 29/5/1852).

Fil-festa ta' Korpus fir-Rabat ħadet sehem il-Banda tar-*Royal Malta Fencibils*. (*Ordine*, 19/6/1852).

Franceso Mallia kkompona marċ funebru li kien ġie esegwit fil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira minn banda militari fil-Birgu. (*Ordine*, 2/10/1852).

Fil-festa ta' Korpus fir-Rabat ħadet sehem il-Banda tar-R.M.F. (*Ordine*, 19/6/1853).

## 1853

Fil-festa fl-Imsida, l-Isqof ordna li jitneħħew ċerti strumenti mill-mużika tal-knisja. (*Ordine*, 30/7 u 20/8/1855).

Fostna kien hawn il-banda tal-Milizja Maltija. (*Filantropo Maltese*, 10/7/1853).

## 1855

Meta waslet l-aħbar tar-Rebħa ta' Sebastopol saret festa fil-Belt u kien hemm diversi baned. (*The Beacon*, 1/10/1855).

Fil-festa ta' S. Duminku l-Belt ħadet sehem banda. (*Ordine*, Awwissu 1855).

Banda Militari ħadet sehem fil-festa tal-Karmnu tal-Belt. Kien hemm baned oħra. (*Ordine*, 20/7/1855).

## 1856

Fis-27 ta' Novembru miet il-mużiċista Dun Gius. Burlo fil-Birgu. (*Arch. Storia di Malta, Vol. I*).

Fil-festa tal-Vitorja fl-Isla kien hemm żewġ baned ċivili jieħdu sehem. (*Mediterraneo*, 10/9/1856).

Kitba fil-ġurnali biex it-tmien baned militari jkomplu jferrħu l-poplu bil-mużika tagħhom. (*Malta Mail*, 15/7/1856).

Il-Kurunell Hay ma ħalliex il-Banda tal-*47th Regt.* iddoqq fit-Teatru iżda ddoqq kull nhar ta' Tlieta fil-Barakka ta' Fuq il-Belt. (*Malta Mail*, 7/10/1856).

## 1858

Saret akkademja mużikali fit-*Teatro delle Tre Città* fil-Kottonera dwar iċ-Ċentinarju Pawlin. (*Filantropo Maltese*, 20/2/1858).

Ippubblikat ilment li fil-gżira hawn nuqqas ta' postijiet ta' divertiment. (*Malta Daily News*, 20/7/1858).

Fil-festa tal-Karmnu l-Belt daqqet banda taħt is-Surmast Domenico Amore. (*Mediterraneo*, 24/7/1858).

## 1859

Tissemma' li Mro. Domenico Amore qed jgħallem il-mużika biex issir soċjetà filarmonika fil-Birgu. (*C.G.M.F.* u *Il Filantropo Maltese*, 10/5/1859).

Il-Baned Militari ser jergħu jibdew idoqqu fil-pubbliku wara li kienu sospiżi minħabba ġlied bejn Ingliżi u Maltin. (*Malta Observer*, 1/7/1859).

Għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt intrama palk

għal banda fi *Piazza San Giorgio* (illum il-*Main Guard*). (*Malta Observer*, 20/7/1859).

Għall-festa ta' S. Duminku kien hemm iddoqq banda. (*Malta Observer*, 10/8/1859).

## 1860

Tissemma' banda fil-festa tal-Vitorja fl-Isla. (*Il-Ħabbar tal-Maltin*, 14/9/1860).

Wara l-mewt tas-Surmast Bugeja ta' mużika sagra issa jilħaq ibnu. (*Il-Ħabbar tal-Maltin*, 31/10/1860).

Il-Banda La Vittoriosa tieħu sehem fil-Karnival il-Belt. (*Source of Folklore*, Cassar Pullicino).

## 1862

Il-Banda Militari *King's Own* iżżomm programm fl-Isla kull nhar ta' Sibt. Jissemmew ukoll żewġ baned militari oħra f'Pembroke. (*Malta Observer*, 30/6/1862).

Il-Kolleġġjata ta' Bormla ġġib orgni ġdid ta' Natale Morelli. (*Ordine*, 14/10/1862).

Twaqqfet il-Banda Pinto f'Ħal-Qormi. (J. Mangion, *L-Orizzont*, 16/7/1975).

Bidu tal-Banda Annunzjata f'Ħal Tarxien. (*Il-Mument*, 3/9/1988).

Il-Baned *23 R.W. Fusiliers* u *Artiglieri Maltesi* fil-festa tal-Karmnu tal-Belt. (*Mediterraneo*, 19/7/1862).

Fl-Isla daqqew żewġ baned militari u ndaqq għall-ewwel darba 'Innu lill-Marija Bambina' ta' Mro. Mallia li l-Ferris kiteb u li kien iżżanżan qabel l-1861. (*Ordine*, 12/9/1862).

Tissemma' banda mużikali fil-festa ta' San Pawl il-Belt. (*Ordine*. 14/3/1862).

## 1863

Il-Gvernatur jissospendi d-daqq ta' baned militari fil-pubbliku għal ftit żmien minħabba xi inċidenti ta' ġlied bejn Maltin u Ingliżi. (*Malta Observer*, 28/9/1863).

Tidher Banda La Vittoriosa, imlaqqma "Ta' l-Iljun" immexxija minn Indri Grima fil-Birgu. Din kellha post f'98, *Strada Palazzo Antico del Governatore*, imlaqqma "Triq ta' Lhud". (*Monogramma* ta' Paċifiku Scicluna, u *Il-Berqa*, 7/6/1963).

## 1864

Ġlieda kbira fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu l-Belt meta kienu jdoqqu żewġ baned militari dik tat-*22nd Regt.* u l-Artillieri Maltin. (*Ordine*, 22/7/1864).

Il-Baned *Royal Canadian* u *Prince of Wales* idoqqu fil-Furjana waqt li l-*King's Regt.* iddoqq fi Pjazza S. Margerita l-Birgu. (*Malta Observer*, 24/3/1864).

## 1865

Twaqqfet fiż-Żurrieq orkestra mużikali minn Mro. Wiġi Carabott li għaddiet bħala banda f'idejn Mro. F. Zammit. (*Ordine*, 21/4/1865).

Tissemma' l-Banda La Sengle ta' l-Isla taħt Tumas Galea meta padrun kien Adami. (*Il-Ġurnal Malti*, 20/4/1865).

## 1866

Kien hemm baned fil-festa tal-Kunċizzjoni f'Bormla mxerrda f'diversi inħawi tal-belt. (*Il-Ġurnal Malti*, 15/12/1866).

Banda Militari fil-festa ta' S. Publiju l-Furjana. (*Ordine*, 20/4/1866).

Il-Banda tar-Reġiment Artillerija Maltija fi Pjazza San Ġorġ il-Belt, iddoqq siltiet minn *Il Trovatore* u tikseb tifħir. (*Cor. Merch. Maltese*, 6/9/1866).

Fil-festa tal-Karmnu l-Belt kien hemm il-Banda tar-Reġiment. (*CMM*, 17/7/1866).

Il-Banda ta' l-Artillieri Maltin imfaħħra għax daqqet sinfonija ta' Rossini minn *Il Trovatore*. (*CMM*, 6/9/1866).

## 1867

Banda mmexxija mis-Surmast Domenico Amore daqqet marċi funebri fil-Ġimgħa l-Kbira tal-Birgu. (*Il-Malti*, Vol. II, 1931).

## 1868

Fil-festa ta' S. Filep f'Ħaż-Żebbuġ kien hemm il-baned. (*CMM*, 25/5/1858).

Il-Banda *La Vincitrice* ta' l-Isla taħt is-Surmast Pasquale Millo. (*Il-Mument*, 11/6/2000).

Fil-festa tal-Karmnu l-Belt ħadet sehem il-Banda tar-Reġiment. (*CMM*, 18/7/1868).

## 1869

Editorjal ta' 'Il-Ġurnal' ifaħħar u jirrikmanda l-ftuħ ta' każini, li kienu jissejħu "*Incontro*" għax dawn setgħu jkunu ta' għajnuna fost il-poplu. (*CMM*, 24/4/1869).

Fir-Rabat twaqqfet il-Banda Konti Ruġġieru. (*Atti Notarili*, 25/7/1869).

Il-Banda tal-*R.M.F.A.* iddoqq is-Sibt ġewwa tas-Sliema. (*Croce di Malta*, 6/8/1869).

Il-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu saret u ma kien hemm ebda diżordni. Dan għaliex spiss kienu jinqalgħu inċidenti ta' ġlied meta l-festi ewlenin kienu l-Imnarja u San Lawrenz fis-sajf fil-Birgu - "*Festa con splendide luminarie, dalle bande e del guoco pirotecnico*". (*CMM*, 11/8/1869).

Ġewwa tas-Sliema hemm Teatru del Casino San Giovanni. (*Il-Ħabbar Malti*, 29/6/1869).

Fil-festa ta' Korpus ir-Rabat ħadu sehem tlett Baned Militari "*ed un altra dei paesani*". (*Ordine*, 2/6/1869).

Fil-festa ta' San Lawrenz ma kien hemm ebda diżordni. Dan ġie rrapurtat għax il-Gvernatur kien issospenda xi baned militari milli jdoqqu fil-pubbliku wara xi inċidenti bejn Maltin u Ingliżi. (*CMM*, 11/8/1869).

## 1870

Fl-Imsida fetaħ il-Każin *Peace Club*. (*CMM*, 31/1/1870).

Fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt il-Banda tal-*RMFA* ddoqq is-*Stabat Mater* ta' Rossini. (*CMM*, 14/4/1870).

Fil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt iddoqq marċi funebri mill-Banda *Croce di Malta*. (*CMM*, 21/4/1870).

Fil-Belt Valletta kienu żewġ Każini - *l'Unione* u *San Paolo* - li kienu jagħmlu t-tombla u kunċerti mużikali. (*CMM*, 21/4/1870).

Fil-festa ta' Korpus fl-Imdina (nifhmu ir-Rabat) kien hemm il-Banda ta' Diacono. (*CMM*, 24/6/1870).

Fil-festa tal-Karmnu l-Belt fi Pjazza S. Ġorġ kien hemm il-mużika. (*CMM*, 21/7/1870).

## 1871

Saret talba min-nies tal-Kottonera biex il-Banda tat-*31st Regt.* tibda ddoqq fi Pjazza S. Margerita l-Birgu. (*CMM*, 27/9/1871).

## 1872

Jissemmew żewġ kompożituri Sengleani: Mallia u Cassar. (*CMM*, 11/4/1872).

Tifhir lill-Baned tas-*74th Regt.* u dik tal-*H.M.S. Lord Warder* f'Sa Maison u fuq S. Margerita. (*CMM*, 28/4/1872; u *Public Opinion*, 12/6/1872).

Programm mużikali mill-Banda *52nd Light Infantry* b'sittin mużikant fi Pjazza Reġina l-Belt, u fuq il-Fosos tal-Furjana. (*Public Opinion*, *Aug.* 1872).

Fil-festa tal-Karmnu ma kienx hemm baned b'sinjal ta' qima lejn il-Papa Piju IX. (*Portafoglio*, 19/7/1872).

Fuq il-Fosos tal-Furjana kunċert bi tlett baned militari. (*CMM*, 17/7/1872).

Fuq il-Fosos tal-Furjana kunċert minn sitt baned militari flimkien. (*Portafoglio*, 9/8/1872; u *The Malta Times*, 17/8/1872).

Kull nhar ta' Tnejn bdew programmi fi Pjazza S. Margerita żewġ baned militari dik tat-*28th Regt.* u tas-*74th Regt.* (*CMM*, 3/8/1872).

'Il-Ġurnal' isemmi l-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara. (*CMM*, 22/8/1872).

Tissemma mużika f'Quddiesa solenni fil-Birgu minn Mro. Malfeggiani. (*CMM*, 10/10/1872).

Il-Banda Sengleana ddoqq fi Pjazza S. Margerita fi speċi ta' gara mal-Banda tas-*74th Regt.* (*CMM*, *Agosto* 1872).

1872-1874 Fil-Birgu jingħata bidu tal-Banda "Ta' Ljun" b'tagħlim mis-Surmast Masu tar-Reġiment Malti. (*Il-Berqa*, 10/5/1945).

## 1873

Fil-Furjana sitt baned militari flimkien idoqqu s-*Stabat Mater* ta' Rossini. (*Ordine*, 3/4/1873).

Irrapurtat progress mill-bandisti tal-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara taħt is-Surmast Tumas Galea. (*Portafoglio*, 4//7/1873).

Fl-Isla tinbet pika bejn żewġ baned - *La Sengle* ta' Mro. Millo, waqt li Pino Galea jieħu l-Banda fi Pjazza Reġina l-Belt. Il-Banda tad-Dilettanti tibda twettaq kunċerti fix-Xatt ta' l-Isla. (*Portafoglio*, 12/9/1873; u *CMM*, 11/6/1873).

Il-Banda *La Vittoriosa* taħt is-Surmast Tumas Galea fil-festa tal-Pietà kif ukoll f'S. Publiju l-Furjana. (*CMM*, 1/10/1873; u 30/4/1873).

### 1873

Kellna l-ħruq tat-Teatru Rjal waqt l-Opra *La Vergine del Castello* tas-Surmast Privitera. (Kien fetaħ mill-ġdid fl-1877).

## 1874

Il-Banda ta' Birkirkara taħt is-Surmast Galea fil-festa tad-Duttrina. (*CMM*, 28/5/1874).

Il-Banda *La Vincitrice* ta' l-Isla bi programm fil-Belt waqt li l-Beltin qed jorganizzaw il-baned tagħhom. (*CMM*, 7/7/1874 u 21/10/1874).

Kull nhar ta' Erbgħa qed ikun hemm il-Banda Militari taħt is-Surmast Donald McInes fi Pjazza S. Margerita l-Birgu. (*Malta News*, 1/7/1874; u *Public Opinion*, 7/6/1874).

Il-Banda *La Vincitrice* taħt idejn is-Surmast Abela Scolaro. (*Public Opinion*, 6 u 12/12/1874).

## 1875

Il-Banda La Vincitrice tmur Catania, Sqallija. (*Il-Mument*, 11/6/2000).

Fil-Furjana ddoqq il-Banda tal-*RMFA*. (*Ordine*, 10/6/1875).

Mro. Privitera jikkomponi marċi funebri biex jindaqqu fil-Ġimgħa l-Kbira tal-Birgu. (*CMM*, 31/3/1875).

Il-Banda *La Sengle* ta' l-Isla fix-Xatt idoqq taħt Mro. Millo. Fl-Isla kien hemm firda bejn il-baned, l-aktar meta *La Sengle* marret iddoqq wara li Savona u Barbaro ġew eletti fil-Kunsill. (*CMM*, 18/6/1875; u *CMM*, 14/12/1875).

Il-Banda ġdida *La Vallette* fil-festa tal-Karmnu l-Belt u ddoqq l-Innu ta' Carabott. (*CMM* u *Ordine*, 22/7/1875).

Il-Gvern jivvota tmenin lira biex jirranġa aħjar Pjazza S. Margerita fil-Birgu. (*Public Opinion*, 2/6/1875).

Il-Banda 'novella' La Vallette f'tas-Sliema għall-festa ta' S. Giustina taħt is-Surmast Carabott. Daqqet ukoll il-Banda *Nazionale* tal-Belt. (*Malta Ott.* 1875, u *Croce di Malta*, 25/9/1875).

Ġewwa tas-Sliema għall-festa ta' S. Giustina kien hemm ukoll il-Banda ta' Birkirkara taħt is-Surmast T. Galea.

## 1876

Fil-festa ta' S. Pawl il-Belt fil-għodu ddoqq il-Banda *La Vallette* u fil-għaxija l-Banda *Nazionale* taħt Mro. Borg. (*Ordine*, 17/2/1876; u *Croce di Malta*, 15/2/1876).

Iż-żewġ Baned tal Belt - *La Vallette* u *Nazionale* - jieħdu sehem fil-miġja tal-Prinċep ta' Wales. (*Ordine*, 30/3/1876).

Fil-festa ta' S. Duminku l-Belt iddoqq il-Banda *La Vittoriosa* diretta minn Mro. Paolino Vassallo. (*La Rigenerazione*, 10/8/1876).

Fil-festa ta' S. Duminku l-Belt kien hemm sitt baned Maltin. (*Ordine*, 17/8/1876).

Il-Banda tal-Birgu fil-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt taħt is-Surmast Grima. (*Arkivju tal-Fratellanza*).

Fil-festa ta' S. Ġiljan jieħdu sehem il-Baned *La Vallette* u *La Sengle*. (*Ordine*, 5/8/1876).

Il-Banda *La Vittoriosa* ddoqq fi Pjazza S. Margerita taħt is-Surmast Paolino Vassallo. (*CMM*, 7/1/1876; *La Rigenerazione*, 13/1/1876). Pjazza S. Margerita kienet ġiet abbellita u kienet mimlija bin-nies. Jingħad li whud ikkawżaw atti ta' vandaliżmu f'dik il-pjazza. Dak iż-żmien kien hemm kwistjoni jekk din il-pjazza kinitx ma' Bormla jew mal-Birgu.

Il-Banda tar-Reġiment 101 fil-Belt. (*Army & Navy Gaz.*, p.3).

Fil-viżta tal-Prinċep ta' Wales idoqqu l-baned *La Vincitrice*, *La Sengle*, *La Nazionale*, tal-Furjana u *La Vittoriosa*. 'Il-Ġurnal' jgħid li kien hemm 15-il banda b'dawk militari. (*CMM*, 18/3/1876).

Il-Banda *La Vallette* fil-festa ta' Santu Kruċ tal-Belt. (*La Rigenerazione*, 4/5/1876).

Fl-Isla miet il-bandist Salvu Borg ta' *La Vincitrice*, u l-pulizija ma tagħtix permess għall-funeral bil-banda. (*Risorgimento*, 28/12/1876).

Il-Banda *La Vallette* fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt. (*CMM*, 25/8/1876).

Is-Surmast Malfeggiani jikkomponi mużika apposta għall-festa ta' S. Lawrenz tal-Birgu. (*Croce di Malta*, 14/8/1876).

Il-Banda ta' Birkirkara taħt Tumas Galea ddoqq fil-Furjana. (*CMM*, 26/8/1876).

Fl-Isla l-Banda taħt Mro. Abela Scolaro żżanżan Innu ta' l-istess Surmast. (*CMM*, 2/9/1876).

Il-Banda *La Sengle* fil-festa ta' Ħaż-Żabbar ġiet imfaħħra wisq. (*CMM*, 12/9/1876).

Fil-Belt kunċert mill-Filarmonika ta' Flamingo li għalih attenda id-Duka ta' Edinburgh. (*CMM*, 30/11/1876).

Fil-Belt issir il-festa tal-Porto Salvo u jieħdu sehem il-Baned *La Vallette* u *La Sengle* fi Strada Merkanti fejn sar palk għall-bandisti. (*CMM*, 6/7/1876).

Il-Banda Sengleana tieħu l-isem ta' *Progresso Vincitrice*. Il-Baned *La Vallette* u *La Nazionale* jieħdu sehem fil-festi fl-Isla fiż-żjara tal-Prinċep ta' Wales.

## 1877

Il-Banda *La Nazionale Vincitrice* tal-Belt tmur Għawdex fil-festa ta' San Ġorġ bil-vapur Oscar. (Il-banda żiedet *Vincitrice* ma' isimha). (*Portafoglio*, 4/5/1877; u *CMM*, 12/5/1877).

Għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu jieħdu sehem iż-żewġ baned ta' l-Isla - *La Vincitrice* u l-*Progresso*. (*Portafoglio*, 9/8/1877).

Fi Pjazza S. Margerita ddoqq il-Banda tat-*27th Regt.* taħt L. Werner. (*CMM*, 21/5/1877).

Għall-festa tal-Knisja l-Ġdida f'tas-Sliema ddoqq il-Banda ta' Birkirkara taħt Tumas Galea. (*CMM*, 21/5/1871).

Il-Banda *Nazionale Vincitrice* fit-2 u 3 ta' Ġunju fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt u fil-Furjana. (*CMM*, 30/5/1877).

Fil-festa tal-Ġublew tal-Papa jieħdu sehem il-Baned *Nazionale Vincitrice*, *La Vallette* u tal-Furjana. (*CMM*, 2/6/1877).

Il-Banda *La Vallette* fil-festa tal-Karmnu l-Belt. (*CMM*, 18/7/1877).

Il-Banda *Nazionale La Vallette* fil-festa ta' S. Ġiljan taħt Bartoli. (*CMM*, 28/7/1877).

Il-Banda *La Nazionale Vincitrice* fil-festa ta' S. Duminku l-Belt bl-Innu ta' San Duminku tas-Surmast Borg u b'*Marcia La Vittoria* ta' Bugeja. (*CMM*, 2/8/1877).

Fl-Isla, festa tal-Porto Salvo bis-sehem tal-Banda *La Vincitrice* ta' l-Isla. (*La Rigenerazione*, 11/7/1877).

Il-Banda *La Nazionale Vincitrice* taħt Borg f'tas-Sliema. (*CMM*, 11/8/1877).

Il-Banda NICOLÒ ISOUARD tal-Mosta fi Pjazza S. Margerita l-Birgu taħt is-Surmast Filippo Galea. (*CMM*, 11/8/1877).

Il-Banda *La Nazionale Vincitrice* tal-Belt f'Għar id-Dud u f'San Ġiljan. (*CMM*, 16 u 24/8 u 1/9/1877).

Tliet Baned - NICOLÒ ISOUARD, tar-Regiment 104 u *Nazionale Vincitrice* - fi programmi fil-Belt, u wara stmati mill-Gvernatur Straubenzee fil-Palazz.

*La Nazionale Vincitrice* tal-Belt fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt fit-2 ta' Diċembru. (*CMM*, 19/11 u 2/12/1877).

Il-Banda *La Vincitrice* ta' l-Isla fil-Karnival. (*CMM*, 16/2/1877).

*La Vallette* tagħmel palk tal-banda ġdid - xogħol ta' Pawlu Bugeja. (*CMM*, 16/8/1877).

Il-Banda *La Vincitrice* ta' l-Isla bi programm funebru taħt Abela Scolaro. (*CMM*, 24/3/1877).

L-Isqof Pace Forno jħabbar twissija kontra l-partiti tal-festi u tal-baned.

Il-Gvern jagħti permessi lill-baned mill-ġdid wara inċidenti ta' partitarji u l-baned Beltin idoqqu f'Diċembru. (*In-Naħla Maltija*, 29/11/1877).

Il-Banda *La Vallette* mfaħħra għad-direzzjoni ta' Bartoli u ddoqq Polka bl-isem *Victoria Melita*. Ma nqalgħux inċidenti. (*In-Naħla Maltija*, 6/12/1877).

## 1878

Il-Gvernatur jitlob li l-baned idoqqu fil-Belt u wara jiġu stmati. (*CMM*, 8/1/1878).

Fl-Isla jiftaħ każin ġdid - *La Sengle*. (*CMM*, 8/1/1878).

Fil-kazin tal-Banda *La Nazionale Vincitrice* tal-Belt ġie espost presepju sabiħ. (*Arte e Fede*, 9/1/1878).

Fil-festa ta' S. Pawl ħadu sehem iż-żewġ baned tal-Belt. Kienet il-*La Vallette* li fetħet it-triq tal-ftehim. Ħadu sehem ukoll il-Baned ta' Ħal-Qomi u ta' Birkirkara. (*In-Naħla*, 7/2/1878).

Il-Banda *Progresso e Vincitrice* ta' l-Isla ddoqq marċi funebri taħt Mro. Abela Scolaro. Iddoqq ukoll fix-Xatt ta' l-Isla. (*CMM*, 7/7 u 27/7/1878).

Il-Banda *Nazionale e Vincitrice* fil-festa ta' S. Duminku l-Belt b'innu ġdid ta' San Duminku ta' Mro. P. Scia. (*CMM*, 2/8/1878; u *Arte e Fede*, 7/8/1878).

Il-Banda *La Vallette* fil-festa tal-Karmnu li ssir tas-Sliema. (*CMM*, 10/8/1878).

Banda tar-*Regt. 98th Infantry* fi Pjazza S. Margerita. (*CMM*, 29/8/1878).

Il-Banda *La Vallette* żżanżan l-Innu ta' San Pawl ta' Bartoli fil-Manoel meta kien preżenti wkoll il-Gvernatur. (*Arte e Fede*, 20/5/1878).

Il-Banda *Nazionale Vittoriosa* wkoll b'innu ġdid lil San Lawrenz iddedikat mis-Surmast Privitera lil Paolo Farrugia u Paolo Cesareo. (*Crepuscoli*, p 315).

Fil-festa tal-Vitorja fl-Isla il-mużika kienet ta' Mro. Gaetan Grech u Bugeja. Saret kolonna bi statwa ta' 'Malta Rebbieħa' ta' Carlo Darmanin. (*Arte e Fede*, 14/9/1878).

Għall-festa tas-Salvatur f'Ħal Lija, il-Banda *Nazionale Vincitrice* tal-Belt iddoqq lejliet il-festa, però ma tħallitx iddoqq fil-proċessjoni nhar il-festa. Saret proċessjoni bla vara u wara l-Isqof keċċa l-Fratelli talli ma obdewx. (*Il-Ħabbar Malti*, 16/7/1878).

Għall-festa ta' S. Elena kienet inawgurata Antifona ta' Ricardo Bugeja. (*Il-Ħabbar*, 23/8/1878).

Tħabbret il-mewt tas-Surmast Dun Ġużepp Spiteri Fremond minn Ħal Qormi. (*In-Naħla*, 17/1/1878).

## 1879

Fil-festa ta' S. Pawl il-Belt ħadu sehem il-Baned *La Vallette*, *Vilhena* taħt Mro. Abela, ta' l-*RMFA* u oħrajn. (*CMM*, 15/2/1879).

Fi Pjazza S. Margerita - fejn spiss ikun hemm il-baned militari jdoqqu - sar dawl bil-gass. (*CMM*, 28/2/1879).

Fi Pjazza S. Ġorġ, il-Banda *Nazionale Vincitrice* bi programm għall-ewwel darba taħt Mro. Malfeggiani. (*CMM*, 10/4/1879).

Il-Banda *La Vallette* bi programm fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt. (*CMM*, 18/4/1879).

Il-Banda *La Vallette* tieħu sehem f'wirja ġewwa Sant'Anton. (*CMM*, 28/4/1878; u 'aktar ħidma tal-banda' fit-13/6; 2/7; 13/7; 15/7/1879).

Il-Banda *Vilhena* fil-festa ta' S. Publiju l-Furjana - wara ddoqq fuq il-Fosos - dejjem taħt Mro. Abela. (*CMM*, 25/4 u 20/6/1879; u *Malta Times*, 24/6/1879).

Il-Banda *Nazionale Vincitrice* tistieden u tagħmel festa lil Mro. Malfeggiani f'għeluq sninu. (*Ordine*, 26/3/1879).

Mons. Arċisqof ma riedx baned fil-proċessjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. (*Ordine*, 26/3/1879).

Irrapurtat il-progress li għamlet il-Banda *Nazionale Vincitrice* taħt Mro. Malfeggiani. (*Public Opinion*, 26/3/1879).

Il-Banda *28th Regt.* bi programm fi Pjazza S. Margerita l-Birgu. (28/4/1879).

Il-Banda *La Vallette* tieħu sehem fil-festa ta' S. Ġwann tal-Kon-Katidral il-Belt u żżanżan uniformi ġdida. (*Ordine*, 25/6/1879).

Il-Banda *Nazionale Vincitrice* f''Għar id-Dud taħt Malfeggiani. (*Malta Times*, 24/6; u *CMM*, 12/7/1879).

Il-Banda ta' Birkirkara fil-festa tal-Karmnu tal-Belt u f'Tas-Sliema taħt Mro. Tumas Galea. (*CMM*, 25/5 u 21/7/1879).

Is-Surmast Lorenzo Gatt ikkompona Innu lill-Madonna tal-Karmnu għall-festa fl-Imdina. (*Il-Ħabbar Malti*, 30/7/1879).

Fil-festa f'Tas-Sliema l-baned kienu it-tnejn tal-Belt. (*CMM*, 26 u 27/7/1879).

Fi Pjazza S. Margerita ddoqq il-Banda tal-*1stRegt.* taħt P.L. Galea, Senglean. (*CMM*, 29/7, 12/8 u 6/9/1879).

Il-Banda *L'Isle Adam* tar-Rabat tieħu sehem fil-festi f'Ħal-Lija. (*Il-Ħabbar*, 9/8/1879).

Is-Sur Pizzuto jgħaqqad banda fil-Ħamrun. (*Il-Ħabbar Malti*, 21/8/1879).

Għall-festa ta' S. Duminku l-Belt mal-Banda *Nazionale Vincitrice* kien hemm iż-żewġ baned ta' l-Isla. Din is-sena kien hemm id-dawl bil-gass. (*CMM*, 5/8/1879; u *Malta Times*, 9/8/1879).

Il-Banda *La Vallette* tieħu sehem fit-Teatru Rjal fl-Opra Nabuccodonosor. (*Public Opinion*, 22/10/1879).

Il-Banda *Vilhena* tal-Furjana bi programm fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt. (*CMM*, 29/11/1879).

Il-Banda *La Sengle* ddoqq fi Pjazza S. Margerita taħt is-Surmast Miruzzi. (*CMM*, 6/12/1879).

Il-Banda *La Vallette* fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt immexxija minn Mro. Bartoli. (*Public Opinion*, 31/12/1879).

Iż-żewġ baned tal-Belt idoqqu fil-5 t'Ottubru - waħda taħt Malfeggiani u l-oħra taħt Bartoli - u ġew imfaħħra. (*Amico del Popolo*, 13/10/1879; u *Ordine*, 8/10/1879).

Il-Banda *Nazionale Vincitrice* taħt Malfeggiani ddoqq *Guarany* ta' Gomez fi Pjazza S. Ġorġ fit-13 ta' Diċembru. (*Amico del Popolo*, 16/12/1879).

Il-Banda *La Vallette* wkoll daqqet *Sezione I* u *Sezione II* tal-Guarany. (*Amico del Popolo*, 13/12/1879).

Il-Banda *La Vallette* fil-Manoel f'serata ta' benefiċenza għas-Sorijiet tal-Bon Pastur. (*Ordine*, 21/5/1879).

## 1880

Fil-Belt nhar l-ewwel tas-sena l-Banda *La Vallette* daqqet il-*Guarany*. (*Amico del Popolo*, 2/1/1880).

Għall-festa li saret f'Ħaż-Żabbar f'ġieħ S. Faustina indaqqet il-mużika ta' Mro. Nani. (*Amico del Popolo*, 2/7/1880).

Fil-Furjana jiftaħ it-Teatru *La Vilhena* bis-sehem tal-banda taħt C. Abela. Fl-Isla wkoll fetaħ Teatru Alba. (*Il-Ħabbar Malti*, 2/1/1880; u *Amico del Popolo*, 2/1/1880).

Ġewwa Ħal-Lija sar Każin Sant'Andrija (li ma jidhrix li kien tal-banda) fi Triq l-Ifran, u l-ewwel President kien is-Sur Wiġi Agius. (*Villa Lija*, Awwissu 1980).

Ħames baned militari flimkien fil-pjazza ta' fuq il-Fosos il-Furjana taħt Mro. Filippo Galea. Kienu *1st Regt., 10th Regt., 33rdRegt., 61st Regt.* u *98th Regt.* (*Vessillo Cattolico*, 20/2/1880).

Programm mill-Banda *Nazionale Vincitrice* fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt. (*CMM*, 29/5/1880).

Il-Banda tas-*61st Regt.* fi Pjazza S. Margerita l-Birgu. (*CMM*, 14/6/1880).

Iż-żewġ baned tal-Belt fi Pjazza S. Ġorġ fl-20 u 24 ta' Ġunju. (*CMM*, 19 u 22/6/1880).

Il-Baned *La Vallette* u tat-*35th Regt.* jieħdu sehem fil-festa ta' S. Ġwann mill-Kon-Katidral. (*CMM*, 23/6/1880).

Innu lill-Madonna tal-Karmnu mżanżan fit-Teatru Manoel mill-Banda *La Vallette*. (*CMM*, 15/7/1880).

Il-Baned *La Vilhena* u tas-*61st Regt.* fi Pjazza S. Margerita l-Birgu. (*CMM*, 3/7/1880).

Fil-festa tal-Karmnu ħadu sehem il-Baned *La Vallette*, *La Sengle*, *La Vincitrice* ta' l-Isla u ta' l-*R.M.F.* (*CMM*, 15/7/1880).

Għall-festa ta' S. Duminku l-Belt kien hemm il-Banda *La Nazionale Vincitrice* u oħrajn. Indaqq l-Innu ta' S. Domenico ta' Borg. (*Amico del Popolo*, 10/8/1880).

Il-Banda *La Vallette* twassal żewġ reġimenti Ingliżi għax-xatt biex iħallu l-Malta. Kienu s-*61st* u *98th Regt.* (*Amico del Popolo*, 20 u 25 /8/1880).

## 1881

Il-Banda *Leone* ta' Għawdex irregistrata legalment fil-11 ta' Jannar minkejja li żżomm li twaqqfet fl-1863.

Il-Banda *L'Isle Adam* bi programm fuq palk tagħha ġdid. (*Il-Ħabbar*, 23/3/1881).

Il-Banda Nazzjonali S. Ġorġ ta' Bormla fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu. (*CMM*, 13/7/1881).

Il-Banda *Concordia* fiż-Żurrieq. (*L-Orizzont*, 17/7/1975).

Il-Banda *Nazionale Vincitrice* diretta minn Mro. Ronzoni fil-festa ta' S. Duminku l-Belt. (*CMM*, 4/8/1881).

Il-Banda *La Vallette* f'lejliet u nhar il-festa ta' S. Lawrenz fil-Birgu. (*CMM*, 8/8/1881).

Fil-festa f'Tas-Sliema kien hemm il-Baned *La Vallette*, *Cospicuana*, *La Curmen* 'Ħal-Qormi' taħt Ġorġ Zarb. (*CMM*, 20/8/1881).

Il-Banda *La Vallette* fl-Isla u f'San Ġiljan. (*CMM*, 25/8/1881).

Il-Banda *Nazionale Vincitrice* fil-festa ta' S. Duminku żżanżan Innu lill-Qaddis minn Ronzoni. (*CMM*, 6/8/1881).

Fil-festa ta' S. Lawrenz il-Birgu kien hemm il-Baned ta' Bormla u l-*La Vallette*, f'lejliethu u nharu. Iżżanżnet in-niċċa artistika mlaqqma 'iċ-Ċorma' - xogħol ta' Fonzu Pace. (*CMM*, 12/8/1881).

Il-Banda *Nazionale Vincitrice* f'Għar id-Dud taħt Mro. Ronzoni. (*CMM*, 10/9/1881).

Il-Banda tar-*Royal Scots* fi Pjazza S. Ġorġ taħt Filippo

Galea. (*CMM*, 10/10/1881).

Il-Banda *La Vallette* fil-Belt fil-15 u 23 t'Ottubru. (*CMM*, 6 u 28/10/1881; kif ukoll *Il-Ġurnal Malti*, 11, 14, 26, 27/11/1881 u 23/12/1881). *Tgħid kien għad-dispożizzjoni ta din il-banda?*

Fil-Furjana kien hemm il-*Casino di Vilhena e Sciotto*, però l-Banda *Vilhena* nsibuha ddoqq fit-Teatrino Floriana. (*CMM*, 25/11/1881).

Il-Banda *La Vilhena* ddoqq f'Bormla taħt is-Surmast C. Borg. (*CMM*, 6/12/1881).

*La Nazionale S. Giorgio* ddoqq fi Pjazza S. Margerita taħt is-Surmast C. Abela Farrugia u ddoqq ukoll fl-1 ta' Jannar 1882. (*CMM*, 31/12/1881).

## 1882

Tifħir lill-Banda *La Vallette* għal esekuzzjoni fi programm fil-Belt meta kellha 70 mużikant. (*CMM*, 2/1/1882).

Il-Banda *Nazionale Vincitrice* fil-Belt. (*CMM*, 14/1/1882).

Il-Banda *La Vallette* fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt. (*CMM*, 21/2/1882).

Il-Banda *Nazionale Vincitrice* ddoqq is-*Stabat Mater* ta' Rossini fil-Belt. (*CMM*, 24/3/1882).

Il-Banda *La Vallette* fit-Teatru Rjal ma' kumpanija Ġappuniża Ekwilibrija. (*CMM*, 22/3/1882).

Il-Banda *La Vallette* fi Pjazza S. Ġorġ. (*CMM*, 15/4/1882).

Il-Banda *La Vallette* f'kawża mal-Pulizija wara l-inċidenti fil-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt. (*CMM*, 1/5/1882).

Il-Banda *La Vallette* fil-Każin Brittanja ta' *Strada S. Lucia*. Kien Segret Camilleri - promotur Toni Bugeja u Vince Calleja. (*CMM*, 8/5/1882).

Il-Banda *La Nazionale Vincitrice* fil-Belt taħt Ronzoni. (*CMM*, 10/6/1882).

Fil-festa f'Tas-Sliema ħadu sehem il-Baned *La Vallette*, *La Vincitrice Sengleana*, u ta' Birkirkara. (*CMM*, 16/6/1882).

Il-Banda *Nazionale Vincitrice* tilqa' lill-Kardinal Lavigerie b'mużika ta' Ronzoni flimkien mal-Banda tar-*Royal Scots* taħt Fillippo Galea. (*CMM*, 11/7/1882).

Il-Banda *Nazionale Vincitrice* fil-festa ta' S. Duminku l-Belt. (*CMM*, 2/8/1882).

Għall-festa ta' S. Lawrenz tal-Birgu, Mro. Malfeggiani jżanżan mużika ġdida li jsemmagħha l-ewwel f'kunċert fil-Belt lill-Ġiżwiti. Fil-jumejn tal festa l-Banda *La Vallette* kienet taħt Mro. Bartoli. (*CMM*, 9 u 12/8/1882).

Il-Banda *Nazionale Vincitrice* fil-festi f'San Ġiljan. (*CMM*, 26/8/1882).

Il-Banda *La Vallette* fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt. (*CMM*, 30/8/1882).

Il-Banda *S. Giorgio* ta' Bormla bi programm fi Pjazza S. Margerita. (*CMM*, 11/8 u 11/11/1882).

Jasal Malta l-Impresarju Signor Malfeggiani b'kumpanija teatrali. (*Portafoglio*, 28/9/1882).

Il-Banda *La Vallette* fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt. (*CMM*, 30/9/1882).

Il-Banda *La Vallette* tilqa' lill-Banda ta' l-*R.M.F.A.* li ġiet lura mill-Eġittu wara l-istorbji li kien hemm, u twassalha sal-kwartier. (*CMM*, 28/10/1882).

## 1883

Fil-Belt fi Pjazza S. Ġorġ programm mill-Banda *Nazionale Vincitrice* diretta mis-Surmast Philip Galea fejn ingħata wkoll rigal. (*Malta Times*, 21 u 28/2/1883).

Fil-festa tal-Karmnu daqqew il-Baned *La Vallette* u *R.M.F.* waqt li l-Banda *Nazionale Vincitrice* marret Tas-Sliema fejn ġie nawgurat it-Teatrino. (*Malta Times*, 24/7/1883).

Il-Banda *La Vallette* fil-Pjazza l-Belt. (*CMM*, 3/4, 17/6 u 28/7/1883).

Il-Banda San Ġorġ ta' Bormla mfaħħra għal programm li għamlet f'Tas-Sliema. (*CMM*, 11/9/1883).

Il-Banda *La Vallette* fil-festi ta' S. Lawrenz il-Birgu fid-9 u 10 t'Awwissu, waqt li l-Banda ta' Bormla twettaq 4 servizzi fil-Birgu. (*CMM*, 8, 9 u 11/8/1883; u *Portafoglio*, 9/8/1883).

Il-Banda *La Vincitrice Sengleana* f'Tas-Sliema taħt Mro. F. Galea. (*CMM*, 14/9/1883).

Il-Banda *La Vallette* fi Pjazza *Prince of Wales* Tas-Sliema taħt Mro. Bartoli. Il-Banda *La Vilhena* ddoqq fuq il-Fosos tal-Furjana taħt Mro. C. Abela. (*Il Popolo*, 1/9/1883).

Il-Banda *La Vallette* f'Tas-Sliema f'Settembru u f'Novembru fil-Belt. (*CMM*, 20/9 u 18/11/1883).

Dwar il-Baned Żabbarin. (*Sunday Times*, Mejju 1883, *et seq.*).

**Lista tal-Baned reġistrati fl-Almanakk Ġenerali ta' Muscat fl-1883.**

| *Isem* | *Indirizz* | *Surmast* |
|---|---|---|
| *La Nazionale La Vallette* | 2, Pjazza Reġina, Valletta | E. Bartoli |
| *La Nazionale Vincitrice* | 21, Pjazza Fosse, Valletta | E. Sànsone |
| *La Nazionale Vilhena* | 41, *Strada Miratore*, Floriana | C. Abela |
| *Progresso Vincitrice* | *Strada Porta Marina*, Senglea | P. Miruzzi |
| *San Giorgio* | 157, *Strada S. Teresa*, *Cospicua* | C. Abela |
| *L'Isle Adam* | 48, *Strada S. Paolo*, Rabat | E. Agius |
| *Conte Ruggiero* | *Strada Bir Iljun*, Rabat | F. Xuereb |
| Birkirkara | 24, *Strada S. Elena* | T. Galea |
| Ħaż-Żebbuġ | *Strada Vescovo*, | M.A. Debono |
| Ħal-Qormi | *Strada Reale*, | Zarb |
| Iż-Żurrieq | 20, *Strada Brittanica*, | C. Zammit |
| **IL-MOSTA** | ***Strada Reale*,** | **G. Demajo** |
| Żejtun *La Stella* | 9, *Strada S. Giorgio*, | Mifsud |
| Żejtun tal-Palma | 20, *Strada Mater Boni Consigli*, | G.B. Cassar |
| La Stella | 15, *Strada S. Giovanni* | A. Buhagiar |